MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2001

Numru 312/2000

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 19 ta' Gunju 2001.**

**Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**Vs**

**Fahim Loutfy Fahim Tawadrous.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Fahim Loutfy Fahim Tawadrous ta’ nazzjonalita’ Egizjana, ta’ 24 sena, iben Loutfy, imwieled F’Elgiza fis- 6 ta’ Awissu 1975, detentur ta’ passaport numru 1331744;

Talli fit-3 u l-4 ta’ Mejju 2000 u fil-gimghat ta’ qabel xjentement ghamel uzu minn sigilli, timbri jew marki li qeghdin sabiex jissiggillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem il-Gvern jew l-Awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta’ propjeta’ pubblika, jew li jkunu qeghdin that il-kustodja pubblika u dan bi ksur tal-Artikoli 172 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fl-istess jiem u fil-gimaghat ta’ qabel din id-data, dwar xi informazzjoni, li ghandha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, taw jew gieghlu li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta’ fatti foloz dan bi ksur tal-Artikolu 32 c tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess data u fil-jiem ta’ qabel din id-data minghajr awtorita’ legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall finiiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni li kien iffalsifikat u dan bi ksur tal-Artikolu 3 (f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikoli 172 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 32 c tal-Kapitolu 217 u l-Artikolu 3 (f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

U wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi imputat hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni u fir-rigward tal-piena qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------